# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 898*
*Mejju 2008*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni*:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Kummentarju (2) • 17
Is-Swar taċ-Ċittadella • 18
Attwalità • 19
L-Intervista • 20
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (14) • 28
Snajja Qodma (10) • 30
Impressjonijiet dwar Għawdex (6) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Kummentarju (3) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (5) • 36
Għawdex 300 sena ilu (164) • 37
Passiġġata Biblika (35) • 38
Kummentarju (4) • 40
Sfidi ta' Żmienna (4) • 42
Is-Seminaristi fl-Art Imqaddsa • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (10) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Paul Buttigieg, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *"Collage Gozo 1234" - ritratti ta' Lorne Cremona*





# *Min Jagħtik Qalbu... u Min Iqaxxrek! X'Fama qed ikollna?*

*F'paġna 16 ta' din il-ħarġa tar-Rivista qegħdin nipproduċu siltiet minn żewġ ittri li dehru f'ġurnali lokali, mibgħutin lill-Editur min-nies li żaru l-gżira tagħna u li qattgħu xi jiem fostna. Huma nies mhux Għawdxin li kellhom il-pjaċir jiġu Għawdex biex igawdu l-btala tagħhom, iħallu kemxa minn flushom hawn , u jieħdu lura memorji sbieħ tal-jiem li qagħdu magħna. Ġew u marru. Ifformaw u ħadu magħhom impressjonijiet dwarna – impressjonijiet qawwijin tant li tqanqlu biex jiktbuhom "for the record" u jperrċuhom fil-ġurnali.*

*Ittra minnhom hi waħda ta' radd il-ħajr u tifħir għall-ġenerożità ta' mara Għawdxija li għenet lill-koppja anzjana b'mod li jmur lil hinn minn dak mistenni. Din il-mara hija xhieda ta' dawk l-Għawdxin li jagħtu minnhom infushom meta jiltaqgħu ma' min jinsab f'diffikultà. U dan jagħmluh mingħajr sforz żejjed bħallikieku dik l-għajnuna kienet sempliċiment it-twettiq ta' dmir li ndara. Hija ġenerożità li ssir mingħajr daqq ta' trombi u moħbija bl-istar ta' anonimità.*

*Bir-raġun min kiteb qal li l-għajnuna ta' dik il-mara Għawdxija fakkritu fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb. Minbarra l-ġest nobbli ma' min kien fil-bżonn, din il-mara mingħajr isem għamlet ġieħ lil Għawdex u lill-Għawdxin ilkoll kemm aħna. Nistħajjel li hi din ix-xorta ta' ġenerożità ta' l-Għawdxi minn qaddisu - imma wkoll mit-trawwim f'dan l-istil ta' ħajja - li fl-imgħoddi għamlet lil Għawdex art għammiela għas-sejħat tal-vokazzjoni missjunarja.*

*Bil-kuntrarju jagħmel, imma, min, kif tixhed l-ittra l-oħra jipprova jisfrutta lill-barranin li jżuruna billi jgħolli l-prezz ta' l-oġġetti li jbiegħ jew tas-servizz li jagħti. Il-flus huma meħtieġa għax imqar is-Samaritan it-Tajjeb kellu bżonnhom! U xieraq ukoll li n-negozju jħalli l-qligħ. Iżda ma rridux, biex intarrxu l-kuxjenza, taħt il-kelma "business" naħbu s-"serq". Qisu m'għadhiex fostna l-mentalità li biex negozju jirnexxi, il-profitt għandu jkun msieħeb mas-sodisfazzjon tal-parruċċan. X'uħud jridu jsiru sinjuri mil-lum għal għada... u fil-proċess ma jarawx aktar 'il bogħod minn imneħirhom. Fin-negozju bil-għaqal, il-profitt u l-irġulija – u għala le, il-ġenerożità wkoll – għandhom jimxu id f'id. Min iġib ruħu mod ieħor ikunu qed jagħmel azzjoni ħażina mhux biss lilu nnifsu, imma wkoll ħsara lil Għawdex u 'l-Għawdxin ilkoll kemm aħna.*

*Fil-kuntrast bejn iż-żewġ ittri f'paġna 16, hemm it-tagħlima! Li nkunu Għawdxin ġenerużi u onesti hi l-isbaħ fama li jista' jkollna...*

**Joseph W. Psaila**